**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 5 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Kost. Nru. 394/2021 GM**

**Lombard Bank Malta plc (C 1607)**
**vs**
**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**
**u**
**l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta' Lombard Bank Malta p.l.c. ("Lombard") li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Ottubru 2020, hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.A** (l-"**Deċiżjoni**"), il-Korp ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jimponi piena, hekk imsejħa amministrattiva, fl-ammont ta' €340,058 ai termini tal-artikolu 13 tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") u Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta) (ir-"**Regolamenti**").

2. Kif jirriżulta mid-Deċiżjoni nnifisha, tali piena amministrattiva ġiet imposta wara li l-Korp allegatament sab diversi nuqqasijiet fl-operat tal-Lombard.

3. Lombard ħassitha aggravata mid-Deċiżjoni u għaldaqstant ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede inferjuri), skont it-termini tal-Att. Dan huwa anness u mmarkat bħala **Dok B** u jagħti rendikont dettaljat tal-isfond fattwali li wassal għall-appell in kwistjoni. Madanakollu, apparti aggravji bbażati fuq il-liġi ordinarja, Lombard għandha ukoll ilmenti ta' natura kostituzzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-Att, ir-Regolamenti, l-investigazzjoni li ġiet kondotta mill-Korp kif ukoll mad-Deċiżjoni u għaldaqstant qed tressaq ukoll dan ir-rikors kostituzzjonali sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dwar l-ilmenti tagħhom.

Fis-suċċint, f'din il-kawża, Lombard qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti ssib:

4.1 Primarjament, li l-liġi tilledi dritt ta' smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("**il-Kostituzzjoni**") u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("**il-Konvenzjoni**"). L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni huwa ċar u jipprovdi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaaqfa b'liġi. F'dan il-każ, il-qafas regolatorju li hu stabbilit permezz tal-Att u r-Regolamenti[1] huwa tali li jagħti lil-Korp il-poteri kbar biex jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u 'qorti'. Madanakollu l-Korp mhuwiex qorti indipendenti u mparzjali skont ir-rekwiżiti tal-Kostituzzjoni. Lanqas hemm rimedju adegwat fil-liġi stess li tista' b'xi mod tissanzjona tali ksur. Il-liġi li permezz tagħha l-Korp jopera, ma tipproteġix id-drittijiet ta' Lombard u għaldaqstant, f'dawn il-proċeduri, Lombard qed titlob li l-Qorti ssib li liġi kif kostitwita tilledi d-dritt tagħha tas-smigħ xieraq.

4.2 Addizzjonalment, Lombard tilmenta li:

4.2.1 l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni;

4.2.2 L-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures – Part 1 u Part 2 (Remote Gaming) maħruġa mill-Korp ('**l-Implementing Procedures**") abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-Korp abbuża mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mill-liġi,

[1] B'mod partikolari, l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti.

aġixxa arbitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li Lombard kienet ħatja ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi.

4.3 In konklużjoni, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke f'każ li *dato ma non concesso* din l-Onor. Qorti ssib li d-Deċiżjoni ma tirrigwardax kwistjonijiet ta' natura kriminali, Lombard tissottometti li d-dritt ta' smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u/jew Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni xorta ġie vjolat għaliex il-Korp mhuwiex awtorita' indipendenti u imparzjali.

4.4 Fil-paragrafi li ser isegwu, Lombard ser tkun qed tispjega iktar fid-dettal il-lanjanzi tagħha u r-raġuni l-għaliex tressqu dawn il-proċeduri.

**Sezzjoni A: Ksur tal-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni**

*Il-Ksur tal-Artikolu 39 (1): Il-Korp mhuwiex Qorti*

5. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn **qorti**[2] indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Din id-distinzjoni giet asserita l-ewwel darba fil-kaz *Pulizija v. Emmanuel Vella*.[3]

6. Hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali (ara l-każ *Federation of Estate Agents v. Direttur Generali Kompetizzjoni*[4]. Għaldaqstant, l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-kap kriminali ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw.[5]

7. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("**QEDB**"), fil-każ *Jussila v Finland* [6] spjegat fid-dettall id-diversi akkużi kriminali li jistgħu jinġiebu fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi simili għall-proċeduri in kwistjoni u l-applikazzjoni ta' Artikolu 6. F'dan il-każ, il-QEDB iddikjarat is-segwenti:

"*There are clearly 'criminal charges' of different weight. What is more, the autonomous interpretations adopted by the Convention institutions of the notion of*

---

[2] Enfażi miżjuda mill-esponenti;

[3] Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Ġunju 1983;

[4] Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Mejju 2016;

[5] Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilew li l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikun japplika għal proċeduri relatati ma' reati amministrattivi, bħal per eżempju l-proċeduri in kwistjoni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. Ara, *Bendenoun v France*, Rikors Numru 12547/86 (24 ta' Frar 1994); *Jussila v Finland,* Rikors Numru 73053 (23 ta' Novembru 2006) u *Engel and others v the Netherlands*, Rikorsi Numru 5100/71, 5102/71, 5370/72 (8 ta' Ġunju 1976). Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi Artikolu 6 jkun japplika għal proċeduri amministrattivi jekk l-elementi li ġejjin (komunement magħrufa bħala l-*Engel criteria*) ikunu sodisfatti:

a) Il-liġi li tistipula l-penali tkopri ċ-ċittadini kollha fil-kapaċita' tagħhom ta' *taxpayers;*
b) Is-*surcharge* ma kinitx intiża bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi;
c) Kienet imposta taħt regola ġenerali b'għanijiet kemm deterrenti u punitivi;
d) Is-*surcharge* kienet sostanzjali.

[6] Ċitata *supra.*

*a 'criminal charge' by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Ozturk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campell and Fell v the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Societe Stenuit v France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v France, no 33933/96, ECHR 2000-IX)."*

8. Jirriżulta ċar, li għalkemm, dawn l-akkużi huma ta' natura amministrattiva, xorta waħda jitrattaw kwistjonjiet li għandhom natura ta' akkużi kriminali. Il-Qorti Kostituzzjonali Maltija wkoll ikkonfermat li dawn it-tip ta' proċeduri, huma ta' natura kriminali u għaldaqstant id-dritt ta' smigħ xieraq għandu japplika. F'dan ir-rigward, referenza issir għas-sentenza *Angelo Zahra v Kummissarju tat-Taxxi Interni,*[7] *Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali Kompetizzjoni*[8] fost oħrajn kif ukoll iktar riċentement, is-sentenza *Rosette Thake noe v Kummissjoni Elettorali*[9]. Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet u stabbiliet il-prinċipju li proċeduri ta' natura kriminali, skont il-Kostituzzjoni (kuntrarjament għall-art 6 tal-ECHR) , jistgħu jiġu determinati **biss**[10] minn qorti (u qorti tfisser biss il-qrati inferjuri presjeduti minn Maġistrati u dawk superjuri presjeduti minn Imħallfin)[11]. L-enfasi għalhekk hija fuq il-ħtieġa kategorika illi kwistjonijiet ta' natura kriminali jiġu sindikati u deċiżi **biss minn qorti**[12] indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Jirriżulta nkontestat li l-proċeduri ta' natura penali u l-impożizzjoni tal-piena, hekk imsejjħa amministrattiva, ġiet imposta mill-Korp u mhux minn qorti indipendenti u imparzjali skont kif jirrekjedi l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant abbażi ta' dan il-fatt biss, il-Qorti għandha ssib li l-liġi hija leżiva u għandha tilqa' t-talbiet rikorrenti.

*Ksur tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni (i) Nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' u (ii) nuqqas ta' rimedju effettiv*

Mingħajr preġudizzju għa-susespost, analiżi tal-artikoli u r-regolamenti rilevanti tal-Att u tar-Regolamenti jwassal sabiex, wieħed jikkonkludi li hemm leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.

*Il-Kostituzzjoni tal-Korp skont il-liġi: Awtorita' mhux indipendenti u awtonoma*

9. Il-Korp mhux awtorita' indipendenti u awtonoma. L-artikoli 15 u 16 tal-Att jistabbilixxu l-Korp u jiddefinixxu l-funzjonijiet tiegħu. I-Korp huwa, fost oħrajn, responsabbli għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu. Fost ħafna poteri, il-Korp għandu l-poter li jissorvelja ċertu operazzjonijiet u jinvestiga lil persuni suġġetti, jagħti istruzzjonijiet, kif ukoll jimponi pieni amministrattivi. Madanakollu, l-Korp ma jistax jitqies bħala Korp li huwa wieħed indipendenti u imparzjali:

[7] 29 ta' Mejju 2015;
[8] 3 ta' Mejju 2016;
[99] Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2018
[10] Enfażi miżjuda mill-esponent;
[11] *Pulizija v Emmanuel Vella,* 28 ta' Ġunju 1983;
[12] Enfażi miżjuda mill-esponent;

9.1 L-Artikolu 15(3) tal-Att jipprovdi li:
Il-Korp għandu jagħmel ftehim ta' qadi li tagħmel l-aġenzija mal-Ministru, liema ftehim għandu jistabbilixxi l-finanzjament tal-aġenzija u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-artikolu 16(1), kull ħidma speċifika li taqa' fl-iskop tal-funzjonijiet tal-Korp li għandhom ikunu indirizzati u miksuba mill-Korp.

Għaldaqstant, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jiddetta l-mod kif jiġi finanzjat il-Korp u jista' ukoll jimponi, ħidmiet oħra speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati u miksuba mill-Korp, lil'hinn mill-artikolu 16 tal-Att. Dan il-ftehim mhuwiex wieħed pubbliku.

9.2 Il-Korp huwa kostitwit minn Bord ta' Gvernaturi u Direttur[13]. Il-Bord huwa responsabbli għall-politka li għandha tiġi adottata mill-Korp u li għandha tiġi esegwita u mwettqa mid-Direttur[14]. Il-Bord huwa kollu kemm hu appuntat mill-Ministru skont it-termini tal-Artikolu 19(2) u (3) tal-Att, il-membri tal-Bord huma mħallsin mill-Ministru tal-Finanzi u huma appuntati biss għall-perjodu ta' tlett snin.

9.3 Id-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva tiġi meħuda mill-*"Compliance Monitoring Committee"* tal-Korp li l-membri tagħha huma d-direttur tal-Korp, id-deputy director tal-Korp u rappreżentanti mis-sezzjonijiet tas-Supervision and Enforcement u Legal Affairs tal-Korp. Fi kliem ieħor, magħmula minn impjegati tal-Korp stess li għalhekk ma humiex imparzjali u li jiġbdu l-istess ħabel tal-Korp.

10. Fl-eżerċizzju ta' dawn il-poteri diskrezzjonarji, skont id-dispożizzjonijiet legali li jirregolawh, il-Korp qatt ma jista' jkun imparzjali. Il-Korp huwa awtorita' pubblika li taġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin. Huwa enti li:

a. jifformola r-regolamenti li japplikaw lil persuni suġġetti li jirregola;

b. jikkonduċi hu stess, fid-diskrezzjoni tiegħu l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet fuq persuni suġġetti u jevalwa l-informazzjoni li jiġbor hu stess;

c. Jaġixxi kemm ta' prosekutur iżda fl-istess ħin ukoll ta' imħallef u sussegwentement jasal għal konklużjonijiet ta' ħtija daqs li kieku kien xi tribunal indipendenti u imparzjali, jew daqs li kieku bħala Korp li jieħu tali deċiżjoni huwa indipendenti minn dak illi fil-fatt jagħmel l-allegazzjoni oriġinali.

Tipprova kemm tipprova, l-Korp żgur ma jistax jitqies bħala indipendenti u imparzjali, ċertament qatt ma jista jiġi kkunsidrat indipendenti minnhu nnifsu, jew imparzjali bil-mod ta' kif jikkonkludi l-ħtija meta jkun huwa li jivvalida l-investigazzjonijiet tiegħu stess. Bl-istess mod, il-proċess investigattiv quddiem il-Korp żgur ma jiżgurax dritt ta' smiegħ xieraq. Nonostante l-fatt li l-Korp bl-ebda mod mhu awtonomu jew imparzjali, u nonostante l-fatt li persuna suġġetta li tiġi affaċċjata bi proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp bl-ebda mod ma jista' jingħata smiegħ xieraq, il-Korp jiġi mogħni poteri kbar u diskrezzjonarji biex jimponi sanzjonijiet u multi kbar u punittivi.

[13] Artikolu 18(1) tal-Att;
[14] Artikolu 18(2) tal-Att;

11. Fil-fatt il-pieni li jiġu mposti mill-Korp huma tali li ma jeċċedux €5,000,000, darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, jew 10% tat-*turnover* tal-persuna li hija suġġetta għall-multa amministrattiva (u f'dan l-aħħar każ, il-multa tista' teċċedi l-€5,000,000). Ai termini tar-Regolamenti imbagħad, fil-każ ta' persuna suġġetta li tkun qegħda twettaq xi attività rilevanti (il-Korp ma jistax jimponi piena amministrattiva li teċċedi miljun euro (€1,000,000) jew, meta l-benefiċċju li jinkiseb minn dik il-kontravvenzjoni jista' jiġi kwantifikat, li tkun iżjed minn darbtejn l-ammont tal-benefiċċju hekk miksub[15]. Dawn il-pieni għandhom jiġu mposti skont il-politika u l-proċedura mfassla mill-Bord minn żmien għal żmien (fatt ieħor li jkompli jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' imparzjalita' u indipendenza)[16]liema politika u proċedura ma tiġix pubblikata u l-Korp anqas ma jġibhom a konjizzjoni ta' persuni suġġetti bħal Lombard.

12. Abbażi ta' dan il-fatt biss jirriżulta li hemm akkuża kriminali li qed tiġi determinata minn persuna li la hi Qorti jew tribunal u wisq anqas hija indipendenti u imparzjali, u għaldaqstant dan huwa bi ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

13. Fi kliem ieħor, jekk wieħed għal forza tal-argument irid jagħmel parallel ma reati penali aktar tradizzjonali, dan huwa l-istess daqs li kieku l-pulizija jkollha l-poter li wara investigazzjoni però mingħajr ebda proċess ġudizzjarju tikkundanna lil persuna għal-ħtija.

*L-appell li jingħata skont l-Att lil Lombard mhuwiex rimedju adegwat biex jassigura d-dritt ta' smigħ xieraq*

14. F'dan l-istadju, u mingħajr preġudizzju għal dak li jintqal fil-paragrafi 5 sa 8, issir referenza għall-ġurisprudenza tal-QEDB li ddikjarat li f'każijiet ta' dawn it-tipi ta' liġi kriminali mhux intranżiġenti (bħall-proċeduri in kwistjoni ta' liġi amministrattiva fil-qasam tal-*Money Laundering*), penali kriminali jistgħu jiġu mposti minn Korp amministrattiv jew non-ġudizzjarju fl-ewwel istanza, iżda l-persuna kontra min il-penali tkun imposta ikollha dritt li titlob stħarriġ ġudizzjarju komplet dwar tali deċiżjonijiet. F'*A Menarini Diagnostics S.R.L v Italia*, il-QEDB ddeċidiet kif ġej:

"*59. La conformita' con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorita' amministrativa. Si presuppone pero' che la decisione di un'autorita' amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena... Tra le caratteristiche di un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi e' il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un organo di grado inferiore. Detto giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui e' adito.*"

15. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u apparti il-fatt illi is-sempliċi għoti ta' appell lil Qorti tal-Appell ma jirregolarizzax ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostizzujoni meta in prim istanza il-piena amministrattiva tiġi imposta minn oranu li mhux Qorti,

---

[15] Regolament 21 (b)(1) tar-Regolamenti;
[16] Artikolu 13 tal-Att;

(ara *Rosette Thake v. Kummissjoni Elettorali*)[17]. Jiġi umilment sottomess li d-dritt tal-appell mogħti lil Lombard skont l-Att mhuwiex biżżejjed sabiex jipproteġi, jissalvagwardja u jissodisfa d-dritt ta' smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

16. L-Att jipprovdi li Id-Deċiżjoni tal-Korp, kif ukoll l-impożizzjoni ta' multa, ai termini tal-Att jew tar-Regolamenti, tista' tiġi appellata skont l-Artikolu 13A. L-appell jista' jsir kemm fuq il-fatti kif ukoll fuq punt ta' dritt. Analiżi superfiċjali ta' din id-dispożizzjoni jwassal biex wieħed mad-daqqa t'għajn jgħid li għalhekk ma hemm l-ebda leżjoni u li appellant jista' jistaqsi għar-reviżjoni kemm fuq punt ta' dritt kif ukoll fuq konsiderazzjoni ta' fatti. Meta però wieħed jikkonsidra l-mod kif il-liġi tippermetti li jsir dan l-appell, jirriżulta li l-liġi hija mankanti u r-rimedju li tipproponi jirriżulta insuffiċjenti. L-appell jiġi rregolat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap 12 li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-appell ċivili. Il-proċedura tal-appell, però, skont kif regolata mill-liġi mhix tali biex tissanzjona l-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri li saru quddiem il-Korp. L-appell li jista' jsir skont l-Att, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 li jirregolaw il-proċedura tal-appell, ma jirriżultawx fil-possibilita' ta' Qorti li b'mod sħiħ tista' tikkonsidra u tiddetermina l-akkuża kriminali.

17. Dan għas-segwenti raġunijiet:

17.1 Il-proċedura tal-appell, fil-Kap 12 hija regolata b'mod strett u ma tixbaħx il-proċeduri fil-Prim' Istanza meta wieħed jibda proċeduri legali u jkollu d-dritt iressaq il-provi, jistaqsi għall-produzzjoni ta' dokumenti li m'għandux fil-pussess tiegħu, jagħmel kontroeżamijiet u sottomissjonijiet ulterjuri.

17.2 Fl-appell il-proċeduri bil-miktub jingħalqu mal-preżentata tar-rikors tal-appell u r-risposta. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-appell tista' tippermetti, lil waħda mill-partijiet, li tippreżenta skrittura oħra.[18]

17.3 Kull dokument rilevanti għall-appell għandu jiġi mehmuż mar-rikors tal-appell.[19] Kwalunkwe dokument ieħor li ma ġiex ippreżentat mar-rikors tal-appell jista' jiġi ppreżentat biss f'każijiet limitati u eċċezzjonali li huma mniżżlin fl-Artikolu 150 tal-Kap 12 u dan biss bl-awtorizazzjoni speċifika tal-Qorti.

17.4 Bħala regola, fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell, ma jistgħux jinġiebu xhieda. Xhieda huma aċċettati biss f'dawk l-istanzi speċifiċi tal-Artikolu 208 tal-Kap 12.[20]

17.5 F'dawn il-proċeduri tal-appell, anke jekk ikun konċess li jitressqu l-provi, tkun l-appellanta (u cioe' l-persuna imputata) li trid tipprova l-innoċenza tagħha u tressaq

[17] Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2018;
[18] Article 147 tal-Kap 12;
[19] Artikolu 145 tal-Kap 12;
[20] a) meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha; jew (b) meta, bil-ġurament jew b'mezzi oħra, jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xiehda ta' dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġib dak ix-xhud fil-qorti tal-ewwel grad; jew (ċ) meta t-talba biex tinġieb ix-xiehda ta' dak ix-xhud tkun saret u ġiet miċħuda quddiem il-qorti tal-ewwel grad, u l-qorti fi grad ta' appell tkun ta' fehma li dik ix-xiehda hija ammissibbli u rilevanti; jew (d) meta l-qorti fi grad ta' appell hija ta' fehma li x-xiehda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa jew utili;

il-provi hi stress, minflok ma jkollok l-awtorita' pubblika li tipprova hi stess li hemm responsabblita' ta' ksur. B'hekk jinqalen l-oneru tal-prova li imedjatament impoġġi lill-appellant fi zvantaġġ insormontabbli.

17.6 Il-Qorti tal-appell hija biss Qorti ta' reviżjoni u mhux Qorti li tista' tikkonsidra l-kwistjonijiet kollha li għandha quddiemha mill-bidu nett. Il-Qorti tal-Appell, skont il-ġurisprudenza, m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' dak li ħa l-ewwel deċiżjoni fil-prim' istanza, u għandha biss tikkonsidra interpretazzjoni differenti tal-fatti jekk hemm raġunijiet gravi biżżejjed jew jekk il-parti kkonċernata ser tkun ppreġudikata gravement bl-interpretazzjoni tal-fatti.

17.7 Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell huma proċeduri qosra – ġeneralment, huma proċeduri fejn isiru biss żewġ seduti jew tlieta. Addizzjonalment, skont l-Artikolu 13A tal-Att, l-appell għandu jinstema' u jiġi deċiż fiż-żmien 6 xhur biss mill-ewwel seduta tal-appell u ma jista' jkun hemm ebda estenzjoni ta' dan it-terminu ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għar-raġunijiet eċċezzjonali ġustifikati.

18. Mis-suespost jirriżulta li l-proċess tal-appell konċess lil Lombard abbażi tal-Att, mhuwiex wieħed li jipproteġi bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-proċeduri kkontemplati mhumiex tali li jagħtu ebda forma ta' ċertezza jew ta' serħan tal-moħħ li Lombard verament ser ikollha ta' smigħ xieraq u adegwat skont id-drittijiet fundamentali tagħha.

19. Huwa essenzjali li l-liġi awtomatikament tagħti l-opportunita' lil-Qorti li tagħmel determinazzjoni finali u dan wara li:

19.1 tagħmel apprezzament komplet tal-fatti u l-liġi rilevanti;

19.2 ikollha aċċess komplet u sħiħ għall-file intern tal-Korp li jkun fih kull dokumentazzjoni, informazzjoni, konsiderazzjonijiet interni li għamel il-Korp fir-rigward tas-soċjeta' akkużata bir-reat amministrattiv;

19.3 tisma' x-xhieda kollha li għandhom il-partijiet u li tista' tkun rilventi f'dawn il-proċeduri u mhux tkun ristretta għall-provvedimenti tal-Kap 12 f'dan ir-rigward.

20. Anki jekk bħala fatt il-Qorti tal-Appell, f'każijiet partikolari, tikkonċedi dan kollu fil-proċess tal-appell, dan ma jista qatt jissana il-pożizzjoni defiċjenti tal-liġi. Hija il-liġi li għandha tipprovdi għal din il-protezzjoni u mhux id-diskrezzjoni tal-Qorti li qegħda tippresjedi xi appell partikolari. Din propju m'għandix u ma tistax tkun mera konċessjoni tal-Imħallef li qiegħed jippresjedi, iżda dritt fondamentali, dritt fil-fatt protett mill-Kostituzzjoni. Iċ-ċertezza tad-dritt u tal-protezzjoni tad-dritt huma essenzjali fl-ambitu ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u m'għandhom qatt jiddependu fuq l-eżerċizzju min ġudikant ta' diskrezzjoni li tippermettilu l-liġi.

21. Bl-istess mod, sabiex ikun hemm il-parita' tal-armi, persuna li għandha quddiema proċeduri ta' investigazzjoni li jistgħu jwasslu għal-deċiżjoni bħal ma huma d-Deċiżjoni, Lombard għandu jkollha addizzjonalment:

21.1 Dritt garantit mill-liġi li tressaq kull prova neċessarja sabiex tiddefendi ruħha u dan fi żmien raġonevoli, mingħajr ma tiġi stultifikati abbażi ta' proċedura limitata mfassla mill-liġi;

21.2 Dritt ta' preżunzjoni ta' innoċenza u li l-oneru tal-prova ta' allegat ksur tibqa' dejjem fuq il-Korp u mhux – minflok – fuq Lombard. F'dan il-każ, bid-dispożizzjonijiet legali li hemm a dispożizzjoni tagħha, Lombard hija preżunta ħatja tal-akkużi li nġiebu kontriha u minflok trid tressaq prova kontrarja hi stess għas-sodisfazzjoni tal-Qorti;

21.3 Dritt li jkollha aċċess komplet għad-dokumentazzjoni, informazzjoni u konsiderazzjonijiet kollha rilevanti (inkluż dawk interni tal-Korp) sabiex tkun verament tista' tiddefendi ruħha u sabiex tifhem b'mod sħiħ kif ttieħdu d-Deċiżjoni fil-konfront tagħha.

22. Lombard m'għandhiex iċ-ċertezza li ser tkunu tista' ttella' kull prova neċessarja quddiem il-Qorti jew li inkella tressaq x-xhieda tagħha. Din il-fakolta' għandha tkun waħda inerenti u awtomatika fil-proċess sħiħ, dan huwa dritt li għandha tkun il-liġi stess li tiggarantiħ u m'għandux jiddependi fuq ebda diskrezzjoni ta' ġudikant. Dan huwa aktar il-kaz tenut kont tal-fatt li sa dak iż-żmien kien il-Korp biss li kien jiddetta t-termini tal-investigazzjoni, kien jitlob l-informazzjoni, janalizzaha u jasal għad-Deċiżjoni mingħajr ebda forma ta' sorveljanza jew skrutinju. Lanqas għandha iċ-ċertezza li l-Korp ser jissottometti d-dokumentazzjoni kollha rilevanti għall-kawża jew li ser ikollha d-dritt tistaqsi għaliha. Sabiex tipprova tagħmel hekk, Lombard ser ikollha tagħmel talba speċifika quddiem il-Qorti u dan biss taħt id-dispożizzjonijet tal-Kap 12 li jagħtu l-fakulta' lil parti fl-appell tagħmel din it-talba. Il-Qorti tista' faċilment tiċħad it-talba, jew inkella tista' tilqa' t-talba biss f'dawk il-każijiet limitati li tippermetti l-liġi. Addizzjonalment, il-Qorti tal-Appell ser tkun taħt pressjoni li tiddetermina l-appell, li jista' jkun ta' natura kumplessa, biss fi żmien sitt xhur kif kontemplat fl-Artikolu 13 tal-Att. Dan meta solitament il-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell iddum ferm iktar u meta proċeduri legali quddiem Qorti tal-Prim' Istanza, mogħnija bid-dritt li tisma' kull prova rilevanti u tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet ukoll idumu ferm aktar. Dan kollu jista' jwassal biex ikollu effett fuq il-*forma mentis* tal-Qorti meta tiġi biex tiddetermina rikjesta għal preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni jew tal-ġbir ta' provi u smigħ ta' xhieda. Għaldaqstant l-istruttura leġislattiva mhux biss ma tipprovdi ebda garanzija ta' smigħ xieraq, talli hija mfassla propju b'mod illi smiegħ xieraq ikun improbabbli, u jista biss jissuċiedi jekk il-ġudikant jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u f'ċerti każijiet ikollu jagħmel hekk bill jinterpreta il-Kap.12 b'mod ġeneruż biex jammetti l-ammissibilità ta' ċerti provi u/jew dokumenti f-istadju tal-appell. Fi ftit kliem, Lombard m'għandha assolutament ebda garanzija li ser tkun tista' tressaq il-każ tagħha quddiem il-Qorti tal-Appell u tiddefendi ruħha skont kif tiggarantixxi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

*Il-ksur ta' dritt tal-parita' tal-armi*

23. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Lombard tissottometti ukoll li hemm elementi oħra fil-liġi li jwasslu sabiex f'dan il-każ ma hemm l-ebda parita' tal-armi. Nibdew l-ewwel bid-dritt ta' non-inkriminazzjoni li hu leż bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti.

24. F'*Saunders v United Kingdom,* il-QEDB qalet illi:

"*It considers that the general requirements of fairness contained in Article 6, including the right not to incriminate oneself, apply to criminal proceedings in respect of all types of criminal offences without distinction from the most simple to the most complex. The public interest cannot be invoked to justify the use of answers compulsorily obtained in a non-judicial investigation to incriminate the accused during the trial proceedings."*[21]

25. Isegwi allura illi r-Regolament 21 tar-Regolamenti kjarament jikser d-drittijiet ta' Lombard għal smigħ xieraq kif protetti minn Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. L-impożizzjoni ta' multi ta' din in-natura huma tali illi jistgħu biss iwasslu biex jisfurzaw lil Lombard biex tagħti kull informazzjoni mitluba f'investigazzjoni. Il-multi huma ta' natura punittiva, jistgħu jiġu applikati b'mod wiesgħa ħafna skont id-diskrezzjoni tal-Korp (li huwa l-istess uffiċjal li jinvestiga u wkoll jiddeċiedi jekk hemmx ksur jew le) u barra minn hekk huma eċċessivi u possibilment debilitanti. Dan jitfa' lil kull intrapriża fi żvantaġġ għall-preġudizzju tal-prinċipju tal-*equality of arms* u d-dritt li wieħed ma jitfax ħtija fuqu. Dawn id-dispożizzjonjiet huma totalment opposti għal dak id-dritt – fis-sens illi l-persuna li qed tiġi investigata mhix mogħtija għażla dwar x'tip ta' informazzjoni tista' tipprovdi liberament lill-awtorita' investiganti jew jekk tabilħaqq, ma tridx tipprovdi affattu tali informazzjoni. Għall-kuntrarju, persuna suġġetta investigata tispiċċa daharha mal-ħajt u minħabba n-natura punitiva tal-liġi, tiġi mġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista' twassalha biex tinkrimina ruħha[22].

26. Inoltre' Lombard tissottometti li hemm in-nuqqas tal-parita' tal-armi anke fir-rigward ta' termini. Il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta fir-rigward tat-termini tiegħu meta jwettaq investigazzjoni, u kemm jista' jdum jinvestiga biex jikkonkludi rapport u jagħti deċiżjoni. Il-Korp jista' jaħdem kif u meta konvenjenti għalih u jieħu ż-żmien kollu neċessarju biex jiddelibera u joħroġ deċiżjoni finali. Min-naħa l-oħra, Lombard kienet marbuta bit-termini limitati konċessi lilha mill-Korp u termini ffissati fid-diskrezzjoni tal-Korp. Jekk ma tissodisfax dawk it-termini, l-Korp seta' jimponi multa amministrattiva fuqha. Umbagħad, wara li l-Korp jieħu ż-żmien kollu biex joħroġ id-Deċiżjoni, Lombard għandha biss għoxrin jum biex tippreżenta l-appell tagħha. Jirriżulta f'dan il-każ li l-Korp kellu kontroll sħiħ tal-proċess investigattiv u dam aktar minn sena biex jasal għad-Deċiżjoni fejn imbagħad informa lil Lombard, li huwa wieħed mill-banek ewlenin ta' Malta, li kienet misjuba ħatja ta' ksur tar-Regolamenti u l-Implementing Procedures. Imbagħad malli jieħu d-Deċiżjoni, l-Korp għadda biex unilateralment jippublika fuq il-*website* tiegħu riassunt tad-Deċiżjoni tiegħu u dan bi preġudizzju kbir għall-Lombard mingħajr konsiderazzjoni għall-fatt li Lombard hija elenkata fuq il-Borża ta' Malta u dan meta Lombard qatt ma kellha dritt ta' smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u mparzjali. Min-naħa l-oħra, Lombard mbagħad għandha biss għoxrin jum biex

[21] Para. 74;

[22] Mhux biss Lombard kienet kostretta tagħti kull informazzjoni mitluba mill-Korp, iżda l-investigazzjoni min-naħa tal-Korp kif ukoll l-laqgħat u l-interviews li ġew imposti min-naħa tal-Korp kienu ħorox għall-aħħar. Fl-ewwel laqgħha l-MLRO tal-bank kien kostrett jattendi l-laqgħa waħdu għal siegħat twal fil-preżenza ta' ħames spetturi u meta Lombard talbet li rappreżentati oħra tagħha setgħu ikunu preżenti għall-laqgħa, t-talba ġiet rifjutata mingħajr l-ebda raġuni valida.

tifhem id-Deċiżjoni u tara jekk u kif għandha tappella minnha. Dan kollu mingħajr ma għandha aċċess għall-*files* li jikkonċernawha u li qegħdin f'idejn il-Korp.

27. Għal dawn ir-raġunijiet kollha ukoll, Lombard tissottometti li jirriżulta biċ-ċar li d-drittijiet tagħha kif sanċiti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi.

**Sezzjoni B: Ksur tal-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni**

28. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Lombard tissottometti umilment illi l-proċess ta' compliance review/investigazzjoni adottat mill-Korp, jikser id-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti minn Artikolu 39(6)(a) u 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 § 3(a) u 6 § 3 (b) tal-Konvenzjoni.

29. Artikolu 39(6)(a) u (b) tal-Kostituzzjoni jipprovdu kif ġej:

"(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –

(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;

(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;"

30. Bl-istess mod, L-Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha, bħala minimu, id-dritt li tkun infurmata minnufih, b'lingwa li tifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħha.

31. Lombard tissottometti illi l-protezzjoni taħt dawn l-artikoli tapplika anke waqt l-investigazzjoni tal-Korp li twassal għall-ħruġ tal-ittra datata 14 ta' Mejju 2020 (Dok Ċ) ("i*l-Minded Letter*")[23] u sussegwentement id-Deċiżjoni. Il-QEDB kellha diversi opportunitajiet biex tespandi fuq meta persuna tkun ikkunsidrata bħala "akkużat" u meta, għaldaqstant id-drittijiet ta' L-Artikolu 6 jidħlu fis-seħħ. F'*Deweer v Belgium*[24] il-QEDB qalet illi l-importanza tad-dritt għal smigħ xieraq f'soċjeta' demokratika wasslet lill-Qorti biex tippreferi konċett sostantiv minflok formali tal-akkuża kontemplata f'Artikolu 6.[25]

---

[23] Skont l-Att, il-Korp għandu s-setgħa li jaħtar awtoritajiet oħra biex jaġixxu a nom tagħha u jgħinuha f'ċertu *compliance reviews*. Dawn l-awtortitajiet ikunu qed jaġixxu taħt l-awtorita' tal-Korp u skont l-istruzzjonijiet li jirċievu mill-Korp. F'dan il-każ, l-*Malta Financial Services Authority* kienet l-Awtorita' li ġiet appuntata biex tgħin lil Korp u taġixxi a nom tagħha u din hija r-raġuni l-għaliex il-*minded letter* ħarġet mingħand Malta Financial Services Authority.

[24] Rikors Numru 6903/75 deċiża fis-27 ta' Frar 1980;

[25] Ibid. Para 44;

32. F'*Ommer v Germany*[26] il-Qorti kkunsidrat li l-esponent kien "akkużat" fil-ġurnata meta rċieva ittra mill-pulizija titolbu biex imur fil-kwartieri ġenerali biex jiġi nterrogat b'konnessjoni mat-twettiq ta' allegat reat.

33. Għaldaqstant, a bażi tal-ġurisprudenza imsemmija hawn fuq, id-drittijiet garantiti minn Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw mill-mument li Lombard ġiet mitluba tagħti l-informazzjoni minħabba potenzjali ksur tal-Att.

34. Qabel mal-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, hu ħareġ  l-Minded Letter fejn informa lil Lombard dwar il-fatt li hu kien qed jikkonsidra jimponu multa għal-ksur tar-Regolamenti u tal-*Implementing Procedures* (il-"*Minded Letter*") u fejn infurmaw il-Lombard li mill-compliance review/investigazzjoni li għamel sab li kien hemm ċertu nuqqasijiet u kien qed jikkontempla isib ksur tal-liġijiet applikabbli. Il-Korp, imbagħad stieden lil Lombard jagħmel is-sottomissjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. Madanakollu, il-Korp ma nfurmax lil Lombard dwar l-ammont ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u għaldaqstant Lombard ma kienitx konsapevoli tan-natura tal-gravita' tal-akkuża fil-konfront tiegħu.

35. Jirriżulta għalhekk li l-Korp ma nfurmax sew lil Lombard dwar in-natura tal-akkuża u l-gravita' o meno tal-akkuża li kienet qed tinġieb kontriha jew x'tip ta' ksur u multi setgħu jiġu imposti fuqha. B'dan il-mod, Lombard ma kienitx f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha sewwa minn kull allegazzjonijiet magħmula. B'referenza għal *Pelissier and Sassi v France*[27] hu sottomess illi filwaqt li l-Korp mhux mistenni li jipprovdi l-informazzjoni u d-dettall kollu rigward l-allegat ksur li kien qed jipproponi li jsib, huwa kellu, tal-inqas, jipprovdi lil Lombard bi spjegazzjoni ċara tal-kwistjoni li kienet qed tiġi nvestigata kif ukoll jiddeskrivi kjarament il-preżunti fatti li dwarhom bi ħsiebu jimponi multa. Kellu ukoll jagħti indikazzjoni tal-multa li kien ser jipproponi li jimponi. B'hekk, Lombard kien ikollha (a) l-opportunita' li tanalizza b'mod sewwa kemm kienu gravi l-akkużi fil-konfront tagħha u twieġeb b'mod sew u opportun u/jew (b) tpoġġi l-investigazzjoni fil-kuntest proprju u tieħu l-miżuri neċessarji meta twieġeb d-domandi magħmula lilha u tipprvodi informazzjoni b'mod xieraq u b'mod li tkun ta' għajnuna għad-difiża tagħha. Madanakollu, dan ma sarx: minflok, hu sottomess li Lombard ma ngħatatx id-dettalji kollha tal-bażi tal-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tagħha u b'riżultat t'hekk kien hemm ksur tad-drittijiet kif protetti mill-Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) u (b) tal-Kostituzzjoni.

**Sezzjoni Ċ: Ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni**

36. Lombard ukoll tgħid li mid-Deċiżjoni jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Il-maġġor parti tas-sejbien ta' ksur fid-Deċiżjoni, huma bbażati fuq interpetazzjoni suġġettiva għall-aħħar ta' regoli ġenerali kontenuti fir-Regolamenti u l-Implementing Procedures, jew inkella fuq numru ta' dispożizzjonijiet ta' Implementing Procedures li kienu ġew disponibbli bħala linji gwida għall-persuni suġġetti miżerjament xahrejn qabel saret investigazzjoni..

[26] Applikazzjoni Numru 26073/03 deċiża fit-13 ta' Novembru 2008, para 54;
[27] Applikazzjoni Numru 25444/94 deċiża fil-25 ta' Marzu 1999;

37. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, r-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* għandhom ikunu ċari u m'għandhom iħallu ebda dubbju dwar kif iċ-ċittadin jista' jonora l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-liġi. L-ebda awtorità pubblika m'għandha żżomm ċittadin responsabbli ta' ksur ta' regolament li jwassal għal multi ta' natura sostanzjali, addiritura ta' natura penali, mingħajr ma jkun hemm ksur ta' liġi jew regolament li jimponu obbligu ċar, u fejn il-liġi tħalli diskrezzjoni dwar kif għandu jew jista' persuna jonora l-obbligi mposti fuqu mill-liġi allura il-benefiċċju tad-dubju għandu f'kull kaz ikun favur iċ-ċittadin.

38. F'*Camilleri v Malta*[28] il-QEBD stabbiliet li:

> "The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (*nullum crimen nulla poena sine lege*). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requierment is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (*Scoppola v Italy (no. 2)* 10249/03 (17 September 2009).""

39. Għaldaqstant, liġi li tista' timponi xi forma ta' sanzjoni ta' natura kriminali trid tkun ċara u għandu jkollha bilfors element ta' *foreseeability* fejn persuna tkun tista' tifhem b'mod ċar x'inhi ir-responsabblita' tagħha u xi dmirijiet legali għandha sabiex ma tiġix responsabbli ta' ksur ta' dik id-dispożizzjoni. Filwaqt li fil-qasam tradizzjonali ta' akkużi kriminali (hekk imsejjħa *hard core*) hemm bżonn ukoll ta' dak li l-QEBD tiddeskrivih bħala l-*'mental link*' jew aħjar il-*mens rea* (kif komunament nirreferu għalih f'Malta, għall-finijiet ta' *soft core* criminal offences, bħala huma dawk li jaqgħu taħt l-Att u r-Regolamenti, ma hemmx neċessarjament bżonn il-*mens rea* sal-livell meħtieġ għall-offiżi kriminali *hard core*[29]. Madanakollu, dejjem hemm bżonn ta' ċarezza fil-liġi ta' x'jista' jikkostitwixxi offiża kriminali u l-liġi trid tiżgura li s-sejbin ta' ħtija ta' akkuża kriminali mhix waħda arbitrarja.

40. Mid-Deċiżjoni jirriżulta bl-iktar mod ċar li hemm leżjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-mod kif ġew interpretati ċerti partijiet mir-regolamenti u/jew l-Implementing Procedures mill-Korp fid-Deċiżjoni, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' Lombard kif sanċiti fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

41. Il-mod kif dawn id-dipożizzjonijiet legali huma miktubin huma ġeneriċi. Addizjonalment, il-mod kif applika r-Regolamenti u l-Implementing Procedures il-Korp kien arbitrarju għall-aħħar. Mhux hekk biss però, kif diġa' ntqal fil-paragrafi preċedenti, meta l-Korp ħareġ il-*Minded Letter* u stieden lil Lombard tagħmel s-sottomissjonijiet finali f'dan ir-rigward qabel mal-Korp jasal għal deċiżjoni finali,

[28] QEBD, Każ numru 42931/10, 22 ta' Jannar 2013, para 34-35; ara ukoll Varvara v Italy *17475/09,* G.*I.E.M S.R.l. and Others v Italy,* Nos 1828/06;
[29] G.I.E.M. S.R.L. and Others v Italy;

il-Korp ma nfurmax lil Lombard dwar l-ammont ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u għaldaqstant Lombard ma kienitx konsapevoli tan-natura tal-gravita' tal-akkuża fil-konfront tagħha.

42. Il-Korp jippretendi li fejn il-liġi timponi fuq persuna suġġetta rekwiżiti jew obbliġi ġeneriċi, il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta li dawk ir-rekwiżiti u/jew obbliġi ġeneriċi jinterpretahom hu kif irid, bi kwalunkwe mod soġġettiv li jaħsibha hu, u mingħajr ma għandu għalfejn ikun raġonevoli jew inkella jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu jew għal mod kif qed jinterpreta dawk l-obbliġi ġeneriċi. It-teżi tal-esponent hi li għandha tkun il-liġi biss li tista' tipprovdi liċ-ċittadin b'ċertezza dwar il-kondotta tiegħu, kif ukoll il-mod ta' kif jikkomporta ruħu. Issa l-esponent jifhem illi f'ċertu każijiet, l-Istat, jew awtorita' pubblika, huwa mogħni b'ċertu diskrezzjoni meta jkun qed jevalwa jekk hemmx ksur ta' liġi jew le. Madanakollu, dik id-diskrezzjoni mhix assoluta jew għal kollox soġġettiva u ma tistax twassal għal interpretazzjoni differenti jew ħafna iktar wiesgħa tad-dispożizzjonijiet legali li l-awtorita' qed tfittex it-tħaris tagħhom u/jew li huma ferm iktar tassattivi fuq il-persuna suġġetta. Fejn il-liġi timponi tali obbliġi ġeneriċi li jistgħu jiġu sodisfatti b'modi diversi (u allura ma tiddisponix b'mod tassattiv kif wieħed jista' jottempera ruħu ma dispożizzjonijiet tal-liġi) l-awtorità pubblika m'għandhiex diskrezzjoni jew mansjoni fil-liġi li tiddeċiedi hi stess liema hu l-mod aċċettabbli ta' kif dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi osservata (mingħajr lanqas biss tkun ikkomunikatu mal-persuna suġġetta minn qabel), u f'kaz illi l-mod soġġettiv minnha maħsub (iżda mhux ikkomunikat lill-pubbliku) ma jiġix osservat allura tasal għal konklużjoni li hemm ksur tad-dispożizzjoni legali. Dan imur kontra l-għan tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni kif interpretati mill-każistika vasta tal-QEBD.

**Sezzjoni D: Ksur tal-Artikolu 39(2) u l-Artikolu 6 § 1**

43. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke f'każ li *dato ma non concesso* din l-Onor. Qorti ssib li d-Deċiżjoni ma tirrigwardax kwistjonijiet ta' natura kriminali, Lombard tissottometti li d-dritt ta' smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u/jew Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni xorta ġie vjolat għaliex il-Korp mhuwiex awtorita' indipendenti u imparzjali.

44. F'dan ir-rigward, Lombard tagħmel referenza għall-pargrafi 9 sa 11 ta' dan ir-rikors li japplikaw anke f'każ li din l-Onor. Qorti tiddetermina li l-kwistjoni m'hijiex waħda ta' drittijiet kriminali iżda ċivili.

## Talab lil din il-Qorti sabiex:

a. Tiddikjara li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Lombard hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni; u/jew tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni; u/jew

b. Tiddikjara li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet l-Minded Letter, jilledi l-

Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (2) u l-Artikolu 39 (6) (a) u (b) tal-Kostituzzjoni; u/jew

c. Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolamenti 5, 7, 11, 21 jew liem minnhom tar-Regolamenti u/jew Sections 3.3, 3.5, 4.4.2, 4.5, 4.9.1 jew liem minnhom tal-Implementing Procedures abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wasal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew

d. Tiddikjara li d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledi l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew

e. Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamlu l-Korp; u/jew

f. Tiddikjara nulla u inattendibbli id-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tħassarha kollha jew in parte; u/jew

g. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew

h. Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor ai termini tal-artikolu 46 tal_Kostituzzjoni li din il-Qorti tħoss li huwa opportun.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex <u>ir-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali</u>. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (Korp) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju xieraq meta l-appell għadu lanqas biss ġie deċiż. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex <u>tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha</u> u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

2. Preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża <u>Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et</u> deċiża nhar it-23 ta' April 2021. L-artikoli 12A, u /jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew

akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

*Mertu*

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6§1, 6§3 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;

5. Hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "*Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, ilpersuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu.*"

6. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - *A verbis legis non est recedendum*;

7. L-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8. B'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet

id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "*hard core of criminal law*" u "*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*";

9. L-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "*hard core of criminal law*", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);

10. Il-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu;

11. Jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti l-Appell mid-deċiżjoni tal-Korp għadu ma ġiex deċiż, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;

12. L-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;

13. Jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;

14. Fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti.

Rat ir-Risposta tal-Korp għall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja ("Il-Korp") li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Fl-ewwel lok il-Korp esponent umilment jissottometti illi l-bank rikorrenti għandu rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tiegħu a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap

373 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' liġi, iżda anki fuq il-mertu tad-deċiżjoni tal-Korp. Fil-fatt il-bank rikorrenti għażel li jużufruwixxi ruħu minn dan ir-rimedju u intavola l-appell tiegħu a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell għadu pendenti. Għalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrent għadu mhuwiex eżawrit. Għaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

2. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hija waħda intempestiva billi d-deċiżjoni tal-Korp esponent fil-konfront tal-bank rikorrenti għadha qiegħda tiġi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba l-bank rikorrenti għażel li jintavola appell, huwa għandu jistenna li dak l-appell jieħu l-kors kollu tiegħu billi f'dan l-istadju għad ma hemm l-ebda deċiżjoni finali. Jekk sa llum għadu qed jiġi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk il-multa hux ser tiġi kkonfermata jew le, wieħed ma jistax f'daqqa waħda jinsa' li potenzjalment dik il-multa tista' tiġi ikkonfermata jew imħassra u jgħaddi biex jara jistax jannulla dik il-multa abbażi ta' ksur ta' liġi speċjali dwar drittijiet fundamentali (ħaġa li tippresupponi li l-multa ġiet diġa' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju ieħor taħt il-liġi ordinarja).

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit illi in kwantu għal-lanjanzi immirati lejn il-Liġi innifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Liġi u b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' oħra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tal-bank rikorrenti u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Liġi twassalx għall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tiġi mwieġba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.

4. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Liġi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-leġislatur Malti huwa marbut bir-rekwiżiti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni; F'dan ir-rigward wieħed għandu jqis il-prinċipju ġenerali abbraċċat mill-Qrati Ewropej illi l-Liġi Kommunitarja hija preżunta bħala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi każ, japplika il-prinċipju ta' supremazija tal-Liġi Kommunitarja. Fil-fatt l-inforzar tal-obbliġi surreferiti huwa wkoll in linea mal-obbliġi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluż il-Liġi Ewropea kif ġia ingħad, u obbliġi internazzjonali oħra inkluż ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-*European Banking Authority* u l-*Financial Action Task Force*.

5. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-artikoli 39(1), 39(6)(a) u (b) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni") ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-każ odjern in kwantu tali artikoli jipprovdu esklussivament għall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jagħmel l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Għalhekk ma jista' jkun hemm ebda każ ta' leżjoni tad-drittijiet sanċiti mill-imsemmija artikoli peress li l-garanziji hemm delineati mhumiex applikabbli għall-każ odjern.

6. Il-proċess adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u l-multa imposta mill-Korp hija waħda amministrattiva. Il-*quantum* tal-multa m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li għandha tiġi meqjusa meta wieħed jiġi biex jiddetermina in-natura tal-multa; Fost il-fatturi l-oħra li jindikaw li l-multa hija waħda amministrattiva, wieħed għandu *inter alia* iqis il-fatt li l-imsemmija multa la tista' twassal għal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tiġi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiża biss bħala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda multa hekk imposta ma hija konvertibbli fi priġunerija. F'dan is-sens ukoll il-*quantum* għandu jiġi konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-persuna suġġetta relattiva; evidentement sabiex multa amministrattiva tkun effettiva, jeħtieġ illi jkun hemm element ta' proporzjonalita' relattivament għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Il-multa imposta hija proporzjonata tenut kont tal-vjolazzjonijiet regolatorji numeruzi u sistematiċi kommessi mill-bank rikorrenti. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni.

7. Inoltre l-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Liġi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bħala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.

8. Għalhekk il-varji garanziji li qiegħed jipprova jinvoka l-bank rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-każ odjern u f'dan is-sens ukoll ma jista' jkun hemm ebda ksur tal-artikoli 39(1), 39(6)(a) u (b) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni in kwantu l-każ odjern si tratta dwar proċeduri ta' natura amministrattiva u mhux kriminali.

9. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti jiġi bir-rispett eċċepit illi l-ebda mill-artikoli 12A, 13, 13A, 13B, 13C, 18 u 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ir-Regolament 21 tar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01) ("ir-Regolamenti"), ma jilledu d-dritt fondamentali għal smigħ xieraq kif sanċit taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Kovenzjoni u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni. Kif ġia sottomess, l-artikolu 39(1) japplika biss fil-kuntest ta' proċeduri kriminali u mhux fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi, bħal dawk odjerni. Fir-rigward tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, jiġi umilment sottomessi illi m'huwiex minnu li dawn l-Artikoli ġew vjolati stante lil-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali. Inoltre l-Korp għandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeċiedi dwar il-ksur tal-obbliġi legali mill-persuni suġġetti u dwar l-impożizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita' u mhux minnu li l-istess persuni qed jaġixxu ta' prosekuzzjoni, ġurija u mħallef fl-istess każ, kif jallega l-bank rikorrenti fir-rikors tiegħu.

10. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korp esponent jaġixxi bħala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suġġetti sabiex jassigura l-konformita' tagħhom mal-obbliġi kollha relattivi li huma intiżi sabiex l-imsemmija Persuni Suġġetti ma jiġux utilizzati minn terzi għall-finijiet ta' ħasil ta' flus jew finanzjar ta' terrorizmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Liġi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appożiti f'każ ta'

ksur tal-imsemmija obbliġi. L-interess tal-Korp *qua* Regolatur huwa propju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Liġi u l-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu. Għalhekk il-Korp esponent huwa għal kollox independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa għandu huwa propju l-osservanza tal-Liġi.

11. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 13A tal-Kap 373 jagħti rimedju adegwat biex jiġi assiġurat id-dritt tas-smigħ xieraq. A tenur tal-imsemmi artikolu 13A, il-persuna suġġetta li fuqha tkun ġiet inflitta l-multa, għandha l-opportunita' li tressaq il-każ kollu tagħha – kemm fuq punti ta' fatti, kif ukoll ta' liġi – quddiem Qorti mwaqqfa bil-Liġi u mogħnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd għal smigħ xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-esponent mill-Qorti tal-Appell hija garanzija suffiċjenti ta' smigħ xieraq fir-rigward tal-multi imposti mill-Korp. Għalhekk ukoll ma jista' jirriżulta ebda ksur, la tal-artikolu 39(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

12. L-imsemmi dritt ta' appell taħt l-artikolu 13A huwa wieħed sħiħ u ma huwa ristrett b'ebda mod. Jidher li r-rikorrenti qiegħed jibbaża din il-parti tal-ilment tiegħu fuq dak li huwa jikkonsidra bħala limitazzjonijiet proċedurali naxxenti mill-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; Madanakollu din il-lanjanza hija infondata għaliex il-Liġi proċedurali espressament tipprovdi għall-possibilita' illi jitressqu provi u jsiru sottomissjonijiet ulterjuri anke fl-istadju tal-appell. Fil-fatt lanqas ma jista' l-bank rikorrenti jgħid illi huwa ġie mċaħħad mill-possibilita' li jressaq provi fl-istadju tal-appell għaliex huwa fil-fatt (sal-ġurnata tal-lum) għadu ma għamel ebda talba f'dak is-sens quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Addirittura jiġi rilevat illi fil-kors tal-appelli taħt l-artikolu 13A tal-Kap.373, il-Qorti tal-Appell regolarment tisma' l-provi meta mitluba li tagħmel dan.

13. Fi kwlasiasi każ u mingħajr preġudizzju, il-Korp esponent f'kull stadju attivament involva lill-bank rikorrenti u provdieħ bl-informazzjoni sħiħa u dettaljata dwar il-proċess li eventwalment wassal għad-deċiżjoni tiegħu, inkluż bl-involviment tal-istess bank rikorrenti waqt iż-żjara u billi fornieh b'dettall estensiv qabel ma taħ l-opportunita' li jressaq ir-rappresentazzjonijiet tiegħu, u dan sabiex huwa jkun f'posizzjoni li jiddefendi ruħu b'mod effettiv, kif fil-fatt kellu opportunita' sħiħa li jagħmel. Il-bank rikorrenti kien mitlub jissuplixxi lill-Korp bid-dokumenti li juru li huwa kien konformi mal-obbliġi tiegħu sa minn qabel ma saret iż-żjara; Huwa ngħata l-istess opportunita' waqt iż-żjara stess u anke sussegwentement, inkluż meta ġie mgħarraf dettaljament bil-vjolazzjonijiet li preliminarjament deher li kienu jissussistu. Għalhekk il-bank rikorrenti kellu kull opportunita' li jressaq il-provi tiegħu anke quddiem il-Korp qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu.

14. Lanqas ma huwa minnu illi d-dritt ta' appell taħt l-artikolu 13A tal-Kap 373 iwassal għal xi inverzjoni tal-oneru tal-prova. Fl-istadju tal-appell, il-Korp esponent ikun diġa' ressaq il-każ tiegħu fis-sħiħ, kif kontenut fid-deċiżjoni appellata stess u għalhekk jekk f'dak l-istadju l-persuna suġġetta li tkun qiegħda tappella mill-multa jidhrilha li għandha provi xi tressaq, hija effettivament tkun qiegħda twieġeb għall-posizzjoni meħuda mill-Korp ibbażata fuq il-provi kollha miġbura minnu u li jikkostitwixxu l-kontenut tal-*file* intern li jwassal għad-deċiżjoni tal-Korp u li jiġi preżentat quddiem il-Qorti tal-Appell u li huwa disponibbli għall-persuna suġġetta.

Lanqas ma huwa rilevanti t-terminu għad-deċiżjoni tal-Qorti kif stabbilit mil-Liġi; Il-fatt illi l-Liġi tipprovdi għall-proċess spedit bl-ebda mod ma jfisser illi d-dritt għal smigħ xieraq jiġi mittifes. L-argument tar-rikorrenti huwa wieħed spekolattiv u mingħajr bażi; ir-rikorrenti qiegħed jagħmel assunzjonijiet fiergħa dwar dak li jista' jaffettwa l-ħsieb tal-ġudikant. Addirittura a tenur tal-artikolu 13A(5) tal-Kap 373, dak it-terminu jista' jiġi estiż bil-qbil taż-żewġ partijiet **jew** mill-Qorti minn jedda għal raġunijiet eċċezzjonali. L-element ta' diskrezzjoni tal-ġudikant jibqa' dejjem essenzjali propju sabiex ikopri dawk is-sitwazzjonijiet li l-Liġi mhux neċessarjament tkun prevediet, u dan sabiex jiġi aċċertat illi ssir ġustizzja f'kull ċirkostanza.

15. Fir-rigward tal-allegat ksur tal-parita' tal-armi, il-bank rikorrenti jibbaża l-ilment tiegħu primarjament fuq allegat ksur tad-dritt li ma jinkriminax ruħu, liema dritt japplika biss fil-kamp kriminali u għalhekk ma għandux rilevanza għal dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, l-allegazzjoni hija kompletament infondata. Ir-rikorrenti erronjament jirreferi għall-proċess li wassal għad-deċiżjoni tal-Korp bħala wieħed investigattiv; dak il-proċess fil-fatt huwa wieħed superviżorju u mhux investigattiv. Dak li għamel il-Korp huwa *compliance review* fir-rigward tal-operat tar-rikorrenti sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti kienx konformi mal-obbliġi legali tiegħu min lat regolatorju. Din hija proċedura rutina ta' superviżjoni u l-persuna suġġetta għandha l-obbligu skont il-Liġi illi tikkopera mal-Korp fil-kors tal-proċess ta' superviżjoni u tgħaddi d-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti biex turi illi hija tinsab konformi mal-obbliġi tagħha. F'każ li l-persuna suġġetta tonqos milli tipprovdi d-dokumenti u informazzjoni mitluba minnu, il-Korp għandu kull jedd illi jinferixxi li dawn ma kienux eżistenti. Il-lanjanza tar-rikorrenti għandha addirittura mill-assurd meta wieħed iqis illi l-Korp għandu d-dmir illi jwettaq monitoraġġ fuq il-persuni suġġetti u jaċċerta ruħu li kull persuna soġġetta tkun qiegħda żżomm l-informazzjoni u dokumentazzjoni kollha li hija rikjesta bil-liġi li żżomm. Ikun kontrosens li wieħed jippretendi li persuna soġġetta tista' tinjora l-obbliġi tagħha naxxenti mil-liġi u tinħeba wara l-iskuża li ma tridx tikxef dawk id-dokumenti, meta hija l-liġi stess li tobbligaha li żżomm u tikkompila dawk id-dokumenti għall-fini ta' trasparenza u għall-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u tal-iffinanzjar tat-terroriżmu. Li kieku l-persuna soġġetta kellu jkollha l-possibilita' li tirrifjuta li tgħaddi d-dokumentazzjoni lir-regolatur, is-sitwazzjoni tkun verament assurda billi tirrendi l-liġi mingħajr snien u b'hekk tiftaħ is-suq kompletament għall-abbuż mingħajr ebda forma ta' sorveljanza effettiva. Ta' min jirrileva illi hemm varji istanzi fil-liġi fejn persuna hija mistennija li tforni dokumenti lil xi awtorita'. Eżempju ta' dan huwa l-obbliġu li wieħed jissottometti l-formola tat-taxxa mal-Kummissarju tat-Taxxa - żgur li ħadd ma jgħaddilu mill-ebda kantuniera ta' moħħu li ma jissottomettix l-imsemmija formola u fl-istess waqt jargumenta illi l-Kummissarju tat-Taxxa mhux intitolat li jassumi li dik il-formola ma teżistix jew jippretendi li jista' ma jissottomettix dik il-formola għaliex altrimenti huwa jinkrimina ruħu. Dawn il-paraguni juru biċ-ċar illi l-argument tal-bank rikorrenti huwa tassew superfluwu.

16. Għal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni dwar nuqqas ta' parita' tal-armi, jiġi wkoll bir-rispett eċċepit illi dan lanqas ma huwa il-każ. Il-Korp għandu bżonn iż-żmien sabiex jevalwa d-dokumenti mgħoddija lilu mill-persuna suġġetta; dawn id-dokumenti dejjem kienu u baqgħu fil-pussess ta' dik il-persuna suġġetta in kwantu huma dokumenti tagħha stess. Ma huwiex il-każ illi r-rikorrenti ġie mċaħħad minn aċċess għad-dokumenti relattivi. Di piu, qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu, il-Korp

forna lill-bank rikorrenti bis-sejbiet preliminari tiegħu b'mod dettaljat u b'referenza speċifika għall-każijiet partikolari fejn deher li seta' kien hemm nuqqasijiet, u għalhekk il-Korp forna lir-rikorrenti bl-informazzjoni sħiħa sabiex hu kien f'posizzjoni fejn setgħa jiddefendi ruħu b'mod effettiv. In kwantu għat-termini li jillanja dwarhom ir-rikorrenti, dawk it-termini maħruġa mill-Korp – u f'dan il-każ partikolari t-terminu mogħti kien ta' sittin (60) ġurnata ossija terminu itwal mix-xahar li jingħata normalment u dan minħabba d-diffikultajiet riskontrati minħabba l-pandemija - jistgħu jiġu estiżi fuq talba tal-persuna suġġetta, li ma għamlet ebda talba f'dan is-sens. Dan fil-waqt illi t-terminu tal-appell ta' għoxrin ġurnata kif stabbilit mil-Liġi, huwa in linea mat-termini legali li japplikaw b'mod ġenerali għall-appelli fil-proċeduri ġudizzjarji nostrani.

17. Il-bank rikorrenti inoltri jilmenta li l-Korp unilateralment ippublika riassunt tad-deċiżjoni tiegħu fuq il-*website* tiegħu bi preġudizzju kbir għall-bank għaliex skond hu dan qatt ma kellu dritt ta' smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali. Bir-rispett kollu, dan ikompli juri biss kemm il-bank rikorrenti qiegħed jinjora d-disposizzjonijiet tal-liġi in materja. Dan qed jingħad għaliex ai termini tal-artikolu 13C tal-Kap 373, il-Korp huwa obbligat *ex lege* li jippublika, b'indikazzjoni tal-identita' tal-persuna suġġetta konċernata, l-miżuri u l-multi amministrattivi kollha imposti minnu li jeċċedu l-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000) u dan fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-multa amministrattiva lill-persuna suġġetta. Fil-każijiet fejn il-multa ma tkunx teċċedi l-ammont appena indikat, il-pubblikazzjoni tal-istess multa amministrattiva għandha ssir anonimament cioe' mingħajr ma jkun indikat l-isem tal-persuna suġġetta konċernata. Għalhekk u assolutament mhuwiex minnu dak li qed jallega l-bank rikorrenti ossija li l-Korp ippublika riassunt tad-deċiżjoni unilateralment, iżda dan għamlitu għaliex hija obbligata mil-liġi.

18. Inoltri jiġi osservat ukoll li ai termini tal-istess disposizzjoni tal-liġi (artikolu 13C tal-Kap 373), meta persuna suġġetta tintavola appell minn deċiżjoni, il-Korp huwa obbligat li jippublika mingħajr dewmien l-informazzjoni dwar dak l-appell, u dwar l-andament u l-eżitu tiegħu. Dan ifisser li b'tali mod il-pubbliku fl-ebda mument ma jkun żgwidat u żvijat mill-informazzjoni li tkun qed tiġi pubblikata.

19. Dwar din il-materja konċernanti l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni kif hawn spjegat, jiġi sottomess ukoll li tali pubblikazzjoni hija kwestjoni ta' interess pubbliku billi l-pubbliku għandu d-dritt li jkun u li jinżamm infurmat bin-nuqqasijiet misjuba mill-Korp u kif ukoll bil-penali amministrattiva konsegwenti li tiġi mposta mill-istess Korp. L-importanza ta' dan tinsab fil-fatt li l-persuna suġġetta hija istituzzjoni finanzjarja li żżomm u tamministra fondi ta' terżi persuni. Fi kwalunkwe każ, l-artikolu 13C tal-Kap 373 huwa bbażat fuq l-artikolu 60(2) tad-Direttiva UE 2015/849, liema direttiva ġiet appuntu implementata fil-liġi lokali permezz tal-Kap 373.

20. Għalhekk in vista tas-suespost, assolutament mhuwiex il-każ illi l-artikoli 12A u/jew, 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13C u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit mill-artikoli 39(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni.

21. Fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, jiġi umilment eċċepit illi l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 39(6)(a) u (b) tal-Kostituzzjoni ma jsibu ebda applikabbilita' fil-kuntest odjern ta' proċeduri amministrattivi billi l-garanziji naxxenti minnhom jirrigwardaw garanziji fi proċeduri kriminali kif ġia ingħad, u għalhekk ma jista' jinsab ebda ksur tal-imsemmija artikoli fil-każ odjern.

22. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-proċess li wassal għad-deċiżjoni tal-Korp bl-ebda mod ma' jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti. Il-bank rikorrenti ġie mgħarraf bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem, dettaljatament dwar x'kienu il-vjolazzjonijiet li l-Korp dehrlu li seta' kien hemm u dan permezz tal-hekk imsejħa *Potential Breaches Letter* ta' nhar l-14 ta' Mejju 2020. Għandu jiġi apprezzat il-fatt illi l-proċess li wassal għad-deċiżjoni finali tal-Korp, ma huwiex investigattiv kif qiegħed jallega l-bank rikorrenti fir-rikors tiegħu. Il-proċess huwa wieħed ta' superviżjoni (*compliance* review) li issir bħala rutina fuq il-persuni suġġetti b'mod ġenerali, u mhux fuq xi suspett ta' ksur tal-Liġi. F'dan is-sens, meta jinbeda l-proċess ma jkun hemm ebda suspett kwalunkwe iżda merament tinbeda proċedura regolatorja fejn il-Korp jitlob aċċess għall-proċeduri u dokumenti tal-persuna suġġetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qiegħda taderixxi ruħha mal-obbliġi tagħha dwar il-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu. F'dak il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrenti bih. Meta mbagħad ġie konkluż illi kien jidher li hemm ksur tal-Liġi, il-Korp bagħat l-imsemmija *Potential Beaches Letter*, li dettaljament tiddelinea l-fatti relattivi u tikkwota in-numru estensiv tad-disposizzjonijiet tal-Liġi li kien jidher li ġew miksura. Dan kien jixhed il-fatt li din kienet kwistjoni serja. Il-fatt li l-multa li l-Korp eventwalment impona ma ġietx indikata f'dak il-punt, huwa kompletament irrelevanti peress illi l-Korp ma kellu ebda obbligu li jindika dan. Il-pieni li persuna suġġetta tista' teħel joħorġu mil-Liġi u in linea mal-massima bażilari *ignorantia juris neminem excusat*, il-bank rikorrenti ma jistax jistrieħ fuq in-nuqqas ta' għarfien tiegħu tal-Liġi.

23. Għalhekk ukoll assolutament ma kien hemm ebda ksur tal-artikoli 6(3) tal-Konvenzjoni u 39(2) u 39(6)(a) u (b) tal-Kostituzzjoni.

24. Fir-rigward tat-tielet talba, il-Korp esponent umilment jeċċepixxi illi l-artikolu 13 tal-Kap 373, ir-Regolamenti 5, 7, 11, 21 tar-Regolamenti, u r-Regolamenti u *Sections* 3.3, 3.5, 4.4.2, 4.5, 4.9.1 tal-*Implementing Procedures* abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wasal għad-deċiżjoni, bl-ebda mod ma jilledu d-dritt fondamentali kif sanċit fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

25. Fl-ewwel lok l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni it-tnejn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u għalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-każ odjern li jikkonċerna multa amministrattiva imposta mir-Regolatur, dan kif ġia eċċepit hawn fuq.

26. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, jiġi eċċepit li d-disposizzjonijiet tal-Liġi huma ampjament ċari, ċerti u dettaljati u ma hemm ebda lok ta' dubbju dwar l-obbliġi li jinkombu fuq il-persuna suġġetta.. Daqstant ieħor huma ċari fil-Liġi l-multi li tista' teħel il-persuna suġġetta u għalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Liġi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, kif ukoll il-proċess ta' *compliance review* u d-deċiżjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti.

27. Daqstant ieħor għal dak li jirrigwarda r-raba' talba tar-rikorrenti, jiġi eċċepit illi ebda parti mid-deċiżjoni tal-Korp, jew tal-mod kif iddeċieda l-Korp, ma tilledi l-imsemmi artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Il-Liġi hija ċara kif ingħad u l-kwistjoni dwar jekk il-Korp esponent applikax il-Liġi sew, ma hijiex kwistjoni ta' natura kostituzzjonali iżda tidħol fil-mertu tal-każ innifsu li jinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li tista' tvarja, tħassar jew tikkonferma d-deċiżjoni tal-Korp.

28. Għalhekk il-proċess ta' *compliance review* u d-deċiżjoni tal-Korp fil-konfront tal-bank rikorrenti huma lkoll validi u skond il-Liġi.

29. Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-artikoli 12A u/jew, 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13C u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ir-Regolament 21, kif ukoll id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* li abbażi tagħhom il-Korp sab il-ksur tal-obbliġi tar-rikorrenti, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet fondamentali tal-bank rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsijasi każ mexa skond il-Liġi, inkluż fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni tiegħu, u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bank rikorrenti u għalhekk l-allegazzjonijiet tal-bank rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

30. Għalhekk ukoll l-esponent ma jista' jiġi dikjarat responsabbli ta' l-ebda danni fil-konfront tal-bank rikorrenti.

31. Assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din il-Qorti jidhrilha li xi waħda jew aktar mit-talbiet tal-bank rikorrenti jimmeritaw li jiġu milqugħa (u dan qed jingħad purament għall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet għandhom effettivament jiġu miċħuda fl-interezza tagħhom) allura f'dak il-każ dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali għandha tkun suffiċjenti u m'għandux ikun il-każ li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.

32. Wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ jiġi osservat li t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas ta' danni morali mhijiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għal danni morali u talba għal kwantifikazzjoni ta' danni u għalhekk jiġi eċċepit li għal din ir-raġuni wkoll tali talba għall-ħlas ta' danni kif impostata ma tistax tiġi milqugħha.

33. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess bank rikorrenti.

L-ewwel eċċezzjoni ta' kull wieħed mill-intimati hi li r-rikorrent m'użax ir-rimedji ordinarji kollha billi għadu qiegħed jikkontesta l-multa quddiem il-Qorti tal-Appell. Għall-istess raġuni, fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-Korp iżid l-eċċezzjoni – li tixbaħ lill-ewwel waħda - tal-intempestivita`.

Fil-każ tal-***Insigna***,[30] prattikament identiku għal dak tal-lum, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet eċċezzjonijiet ta' dan it-tip wara li qieset li l-ilment kien li l-proċess fih innifsu wassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali, u kien ukoll jattakka l-provvedimenti tal-liġi li bis-saħħa tagħhom il-Korp jista' jaġixxi bħala investigatur, prosekutur, u Qorti fl-istess ħin. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

It-tielet eċċezzjoni tal-Korp hi li mhux leġittimu kontradittur, għaliex m'huwiex il-leġislatur. B'danakollu, l-ilment huwa wkoll dwar kif l-Korp mexxa l-investigazzjonijiet tiegħu. Għalhekk l-eċċezzjoni hija valida safejn tikkonċerna l-validita` tal-liġi, iżda mhux ukoll l-aġir tal-Korp.

It-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, u l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-Korp huma li l-liġijiet u l-operat tal-Korp huwa dwar sanzjonijiet amministrattivi, mhux kriminali.

Il-każ ta' ***Engel***[31] stabbilixxa tliet kriterji li jiddeterminaw x'inhi akkuża kriminali għall-finijiet tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni:

(i) il-klassifikazzjoni taħt il-liġi domestika. Jekk il-liġi domestika tikklassifika l-offiża taħt il-liġi kriminali, awtomatikament hija hekk.

---

[30] Insigna Cards Ltd. V Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja 01.12.2021.

[31] Engel and Others v The Netherlands 08.06.1976 Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(ii) in-natura tal-offiża. (a) L-iskop tagħha jrid ikun deterrent u punittiv, mhux kompensatorju u (b) tkun testendi għall-popolazzjoni in ġenerali u mhux għal xi kategorija partikolari ta' nies.

(iii) in-natura u l-gravita` tal-piena. Li jgħodd huwa l-kastig possibbli, mhux dak attwali.

L-aħħar żewġ kriterji huma alternattivi imma jistgħu jittieħdu kumulativament meta l-ebda kriterju waħdu ma jkun konklussiv.

Fil-każ tal-lum, l-offiża mhix ikklassifikata mil-liġi Maltija bħala waħda penali. L-iskop tagħha iżda m'huwiex kompensatorju; huwa biex isservi kemm ta' deterrent kif wkoll biex tikkastiga. Trid tgħaddi messaġġ ċar daqs il-kristall u bla kantunieri li l-ksur tal-liġi dwar il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu jkollu konsegwenzi gravissimi. Dan billi tqishom bħala offiżi sagrilegi li jimminaw is-sigurta` tal-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju tas-suq ħieles li huwa l-pedament li fuqu twaqqfet l-istess Unjoni. Hekk jgħid mingħajr tlaqliq ir-*Recital 59* tad-Direttiva 2015/849/EU trasposta fil-liġi Maltija li r-rikorrent qiegħed jilmenta minnha:

> The importance of combating money laundering and terrorist financing should result in Member States laying down effective, proportionate and dissuasive administrative sanctions and measures in national law for failure to respect the national provisions transposing this Directive.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-każ ta' ***Thake***[32] sabet li multa amministrattiva mposta fuq partit politiku li kienet inġenti u intiża biex isservi ta' piena u ta' deterrent kellha natura penali. Hekk ukoll fil-każ ta' ***Zahra***[33] u ta' ***Federation***

[32] Rosette Thanke v Kummissjoni Elettorali 08.10.2018.
[33] Angelo Zahra v Prim Ministru 29 ta' Mejju 2015 Qorti Kostituzzjonali.

***of Estate Agents***.[34]

Dwar it-tieni parti tat-tieni kriterju, u ċjoe` illi "*The offence should also extend to the population at large, although it may be limited to such general categories of persons as taxpayers and road users"*, l-Korp jissottometti illi t-tieni kriterju mhux sodisfatt billi l-każ tal-lum huwa dwar obbligi regolatorji illi jgħabbu biss il-Persuni Suġġetti kif definiti mir-Regolamenti, u ma jorbtux lill-pubbliku b'mod in ġenerali. Fil-każ ta' ***Phoenix***[35] li jixbaħ ħafna lill-każ preżenti, din il-Qorti, diversament komposta, ma qablitx ma' dan l-argument. Kienet tal-fehma illi Persuni Soġġetti, għall-fini tal-LS 373.01, jikklassifikaw bħala '*general category of persons'*, u mhux bħala "*a given group with a particular status*"[36]. Tapplika għal kwalunkwe persuna fil-pubbliku in ġenerali illi hija 'persuna soġġetta'. Dan b'mod analogu għal kif, fil-każ ***Thake***, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat l-applikazzjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minkejja illi l-provvedimenti illi dwarhom kienet ġiet intavolata l-kawża Kostituzzjonali kienu immirati lejn partiti politiċi. Din il-Qorti, kif issa komposta, taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament u tagħmlu tagħha.

X'jikkostitwixxi ksur ta' natura penali għandu jiġi nterpretat b'mod awtonomu mhux biss għall-finijiet tal-Konvenzjoni, imma wkoll tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex altrimenti, is-supremazija tal-Kostituzzjoni tkun tista' tiġi mminata sempliċiment billi reat jitneħħa mill-Kodiċi Kriminali jew xort'oħra jiġi depenalizzat.

Skont Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kull meta xi ħadd ikun akkużat

[34] Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali għall-Kompetizzjoni 3 ta' Mejju 2016.
[35] Phoenix Payments Ltd v. Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja 30.03.2023 Prim'Awla (Onor. Imħ. Audrey Demicoli).
[36] Bendenoun v. France Applikazzjoni Nru. 12547/86 24.02.1994 Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

b'reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. B'kuntrast ma' dan, skont l-Art. 39(2) huwa biżżejjed, fil-każ ta' proċedimenti ċivili li l-każ jinstema' quddiem "qorti jew awtorita`oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi". Għalhekk:

> Huwa ovvju mill-kliem tal-art. 39(1) u (2) illi l-Kostituzzjoni ma tifhimx illi l-kelma "qorti" tinkludi wkoll "awtorita' oħra ġudikanti". Interpretazzjoni oħra tirrendi superfluwi l-kelmiet "jew awtorita' oħra ġudikanti" fl-art. 39(2) u għalhekk ma tkunx interpretazzjoni korretta. Il-kelma "qorti" għalhekk ma tistax ma tfissirx ħlief qorti fis-sens klassiku tal-kelma.[37]

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-każ ta' ***Thake*** żiedet li l-proċediment irid ikun quddiem qorti sa mill-bidu nett tal-proċeduri. "Qorti" hija waħda mill-Qrati Inferjuri u Superjuri kif definiti fil-Kap 12.[38] Huwa fatt mhux ikkontesat li l-Korp mhix qorti fit-termini tal-istess Kap.

Filwaqt illi huwa minnu illi fit-termini tal-Art. 13A tal-Kap 373, persuna suġġetta illi fuqha tiġi imposta piena amminsitrattiva għandha dritt illi tirrikorri fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) sabiex tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi, u kif ukoll fuq il-mertu, din il-Qorti tqis illi dan ma jinnewtralizzax u ma jissanax l-anti-kostituzzjonalita' tal-proċeduri quddiem l-Korp. Dan għaliex l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni jagħmilha ċara illi d-dritt kontemplat fl-istess artikolu jibda jiskatta minn "meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali", u mhux wara illi tkun ġia ngħatat id-deċiżjoni minn entita` illi mhix Qorti fit-termini tal-Kap 12.[39]

---

[37] Federation of Estate Agents v Direttur Generali (Kompetizzjoni).

[38] Digisec Media Ltd v Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur) 31.10.2019 Prim'Awla (Sede Kost) (Onor. Imħ. R. G. Mangion).

[39] Ara f'dan is-sens Thake, para. 67; Phoenix.

It-test tal-Konvenzjoni huwa iktar wiesa' minn dak tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u uħud jinterpretawh fis-sens li m'hemmx għalfejn il-proċess penali jsir dejjem quddiem Qorti mill-bidu sal-aħħar tiegħu, u li f'ċerti tipi ta' liġi kriminali mhux intransiġenti, bħal fil-każ in eżami, ikun biżżejjed li jkun hemm kontroll *a posteriori* minn Qorti.

Billi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Art. 13(2) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal- LS 373.01 jilledu d-dritt fundamentali tal-Lombard għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhix sejra tikkunsidra jekk hemmx ukoll ksur tal-Konvenzjoni.

In vista ta' dan, din il-Qorti sejra tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra tal-Lombard.

***Decide***:

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' parti mill-ewwel u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, billi tiddikjara illi l-Art. 13(2) tal-Kap 373 u r-Reg. 21 tal-LS 373.01 jilledu d-drittijiet fundamentali tal-Lombard kif protetti mill-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara nulla u inattendibbli d-Deċiżjoni tal-Korp imsemmija fir-rikors promotur u tħassarha kollha.

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-oħra tas-soċjeta'

rikorrenti stante illi, fid-dawl tal-premess, m'hemmx ħtieġa illi tali talbiet jiġu kkunsidrati.

4. Tordna illi jekk u meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, ir-Reġistratur tal-Qorti jibgħat kopja tagħha lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati għall-fini tal-Art. 242(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA